**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl- 4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 51.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 51.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 51.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 51.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduti preċedenti, seduta numru 49 u seduti b'urgenza numru 50 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 51.2.2 | Is-Sur Daniel Zerafa ppropona u s-Sur Steven Grech issekonda il-minuti tas-seduti 49 u 50 ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 51.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 51.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li qed jitkomplew ix-xogholijiet ta' l-Enemalta f'diversi toroq tar-rahal. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ilmenti li dahlu lill-Kunsill f'dan ir-rigward gew imresqa lill- Enemalta avolja x-xoghol mhux isir mill-Kunsill Lokali u dan sabiex jigu solvuti certu inkonvenjenzi kemm jista' jkun malajr. |
| 51.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-bini tal-parkegg wara l-grawnd tal-futbol miexi b'ritmu tajjeb u spjega wkoll li dan il-parkegg ha jinkludi giebja. Is-Sur Horace Gauci zied jghid li ghad ma' hemx konferma jekk l-art tal-parkegg hux se tkun devoluta kollha lill-Kunsill Lokali jew tibqgha tal-gvern. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu korrispondenza ma' Ing. Fredrick Azzopardi li huwa c-Chairman ta' l-Enemalta, fejn talab li d-dawl tal-parkegg ma' jaqax that il-Kunsill izda jkun jaghmel parti mis- *Street lighting* sabiex ma' jkunx hemm spejjez zejda ghall-Kunsill. Is-Sindku temm jghid li din it-talba giet milqugha mill-Enemalta. |
| 51.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li d-Dipartiment tas-Sajd, permezz tad-DG Dr Andreina Fenech Farrugia dahhal applikazzjoni ghand l-Awtorita ta' l-Ippjanar. Is-Sur Horace Gauci nforma l-Kunsill li nhar it-13 ta' Marzu flimkien mas-Sur Stephen Caruana u Sa Janice Chetcuti kien attenda laqgha mal-Ministru Clint Camilleri, fejn gie mistoqsi ghal min se jsiru l-ufficini, l-kcina u l-bini kollu propost fl-istess applikazzjoni. |
| 51.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li rigward il-bini tac-Centru Civiku kien ikkomunika mal- Ministru Evarist Bartolo fejn saret talba formali sabiex jibdew tahdidiet mal-istess Ministru biex tigi devoluta art li tinsab fil-konfini ta' l-iskola primarja lill-Kunsill ta' Marsaxlokk, sabiex dan l-izvilupp jinkludi l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Sala Komunitarja, Librerija Pubblika u l-Berga. Is-Sindku spjega wkoll li l-Ministru Evarist Bartolo talab li qabel ghandu jsir pjan mill-Kunsill Lokali. |
| 51.3.5 | Is-Sindku nforma lil Kunsill Lokali li wara l-iffirmar tal- *Letter Of Intent* ma' Gela dwar qbil ta' koperazzjoni bejn iz-zewg Kunsilli, ha jkun qed jara li lejn l-ahhar ta'Marzu u l-bidu ta' April jinzammu diskussjonijiet ma' l- MEW sabiex il-Kunsill ikun jaf kif ha jkompli jahdem f'dan ir-rigward. |

| | |
|---|---|
| 51.3.6 | Is-Sur Horace Gauci nforma lill-Kunsilliera li t-tqassim tal-boroz il-grizi kien beda nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu u jintemm nhar il-Gimgha 17 ta' Marzu 2018, bejn it-8.30am u l-11.30am mill-Ufficcju Amminastrattiv tal-Kunsill Lokali. |
| 51.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar it-23 ta' Frar flimkien ma' Sa. Emma Vella kien attenda laqgha mas-Sur Pierre Cachia rigward il-*Fireworks Festival* . Is-Sindku spjega li nhar is-16 ta' Marzu 2018 kellha ssir il-*Lounching* ta' dan il-*Festival* permezz ta' Konferenza Stampa. |
| 51.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li nhar l-1 u t-2 ta' Marzu 2018, permezz ta' l-MHRA kien attenda il- *Mediterranian Tourism Blue Forum* gewwa l- Hilton f'Malta. |
| 51.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li bejn il-5 u t-8 ta' Frar 2018 flimkien mas-Sur Steven Grech kienu qed jilqghu l-applikazzjonijiet tal-Hawkers li ha jarmaw f'San Girgor. |
| 51.3.10 | Is-Sinku nforma lill-Kunsill Lokali li nhar Id-9 ta'Marzu kien attenda laqgha rigward Clean Up u *Work Shops* li ha jsiru bejn it-22 u t-23 ta' Marzu 2018 gewwa Xrobb l-Ghagin f' Marsaxlokk. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ma' ntalab xejn hlif il-prezenza tal-Kunsilliera. |
| 51.3.11 | Is-Sur Horace Gauci nforma lill-Kunsilliera li nhar it-12 ta' Marzu 2018 kien attenda laqgha ma' l-MEIB rigward ir-*reorganisation* tal-Monti f' Marsaxlokk u nforma lill-Kunsill li gew iffirmati 66 kuntratt ta' rtirar tal-posta mill-Monti ta' nhar ta' Hadd f'Marsaxlokk, fejn inghatat somma mill-Gvern. Is-Sindku spjega flimkien ma' Sa Vanessa Galea u Sa Emma Vella kellu jattendi laqgha ohra ma' l-MEIB sabiex tigi diskussa l-lista tal-*Hawkers* tal-Kunsill flimkien mal-lista li ghandu l MEIB, kif ukoll isiru t-trasferimenti tal-*Hawkers* li hemm pendenti . Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera wara li jsir dan l-ezercizzju il-Perit Edwin Mintoff ikun jista' jaghmel il-pjanta ta' fejn ha jigu allokati l-posti l-godda li ha jinkludu 4 qisien. |
| 51.3.12 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill lokali li nhar l-14 ta'Marzu 2018 gew iffirmati l-kumplament tal-kutratti ta' rtirar tal-post mill-Monti ta' nhar ta' Hadd f'Marsaxlokk. |
| 51.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 51.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Sleeping Police fi Triq l-Arznell"? Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jikkomunika ma' Transport Malta. |
| 51.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il- Barrier tal-Pjazza"? Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li jridu jingabru r- *Remotes* tal-*Barrier* minghand min kien qed jaghmel uzu minnha sabiex tinbidel il-frekwenza. |
| 51.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il-Haxix tal-Gonna"? Wara diskussjoni libera gie deciz li l-kuntrattur tas-*Soft Areas* kellu jigi avzat li x-xoghol mhux qed isir kif mixtieq u f'kaz li jibqa' jigri l-istess kellha tinhareg *Default Notice*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien diga avza lill-kuntrattur rigward it-tip ta' servizz li qed jinaghta. |

| | |
|---|---|
| 51.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il-ByLaw ta' l-Iskalin?". Wara diskussjoni libera gie deciz li l-ByLaw ta' l-Iskalin ghandha tintbghat lill-Koperattiva. |
| 51.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il-White Paper dwar l-iskart fil-Belt Valletta?". Is-Segretarju Ezekuttiv inform lill Kunsilliera li ntbghatet korrispondenza lil Dr Deo Debattista f'dan ir-rigward. |
| *Il-hin huwa 16:20pm u f'dan l-istadju giet sospenduta l-laqgha sabiex il-Kunsill jiddiskuti mar-rezidenti prezenti il- minuta 51.8.* | |
| *Il-hin huwa 17:15pm u l-laqgha tkompliet.* | |
| 51.5 | Rapporti |
| 51.5.1 | - Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat b'korrispondenza datata 22 ta' Frar 2018,minaghnd is-Sur Joseph Scerri tal- *Primary Health Care* fejn talab ghajnuna lil Kunsill biex is-servizz tal-Berga jsir temporanjament f'kamra tal-Kunsill Lokali jew issir komunikazzjoni mal-Kappillan biex tigi provduta kamra fejn temporanjament jista' jinaghta s-servizz.<br><br>- Il-Kunsill Lokali gie nfurmat b' korrispondenza datata 20 ta' Frar 2018 mis-Sa Jasmin Muscat fejn qed tistaqsi dwar art li qed tigi zviluppata f' Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 10 ta' Marzu 2018 mill-Kunsillier is-Sur Daniel Zerafa rigward *dustbin* mkisser li jinsab quddiem it-*Tourist Information Office*.Gie deciz li d-*dustbin* ghandu jinbidel.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmata b'korrispondenza mibgħuta fis-7 ta' Marzu 2018 mis-Sur Vincent Attard tan-*Nature Trust*, fejn talab l-ghajnuna tal-Kunsill ghal *Clean up* li ghandha ssir il-Ballut, f'Marsaxlokk nhar id-19 ta' Marzu. Gie deciz li l-Kunsill ghandu jipprovdi l-boroz u jigbor il-boroz mimlijijn permezz tal-kuntrattur.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza datata 12 ta' Marzu 2018 mingħand is-Sur Darren Sacco tal-MEUSAC, fejn informa lill- Kunsill b'*EU grant* sabiex jitrangaw hitan tal-gebel tas sejjieh. Gie deciz li kellha ssir stima tal-hitan mill-perit.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korripondenza datata 20 ta' Frar 2018 minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward il-permessi ta' Mwejjed u Siggijiet.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korripondenza datata 19 ta' Frar 2018 minghand Transport Malta, fejn infurmaw lill-Kunsill li ma' jsibux oggezzjoni b'rikjesta li rcivew minghand rezident li joqghod Post Ruman Marsaxlokk, sabiex isiru *double yellow lines* ma' genb il-*garage* tieghu.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza datata 25 ta' Frar 2018 mingħand is-Sa Helen Bugeja fejn infurmat lill-Kunsill li qed issir hsara fl-iskalin tas-Sajjieda f' Marsaxlokk. |

| | |
|---|---|
| | - Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korripondenza datata 26 ta' Frar 2018 minghand is-Sur Nicholas Sammut, fejn staqsa jistghax jorganizza attivita b'musika minn *bands* u DJ fil-parkegg tal maghluq f'Marsaxlokk fil-festa ta' San Girgor. Gie stabbilit li San Girgor hija festa tradizzjonali u l-parkegg huwa bzonjuz, ghaldaqstant din it-talba ghandha tigi rrifjutata.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korripondenza datata 15 ta' Frar 2018 minghand is-Sur Charlie Abela rigward l-istat li tinsab fih Triq l-Arznell,f'Marsaxlokk. Is-Sur Abela ilminta wkoll rigward il-hin tat-trasport ta' tal-linja.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza datata 16 ta' Frar 2018 mingħand is-Sur Elton Camilleri fejn qed jitlob kumpens mill-Kunsill ghax garrab hsara fit-*tyre* tal-karozza b'hofra li sab Triq il-Birikka. Gie deciz li ghandu jintalab rapport tal-pulizija bhala evidenza.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati li r-*Risk Assessment Report* 2018 tal-Kunsill Lokali kien komplut u kellhom jigu impilentati certu proceduri necessarji sabiex jigi evitat periklu fuq il-post tax-xoghol.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie mistoqsi jekk japprovax li tinxtara *fridge* zghira ghall-haddiema assenjati. Gie deciz li ma' kellha tinxtara l-ebda *fridge* u kellha tintuza l-*fridge* iz-zghira tal-*boardroom*.<br><br>*Il-hin huwa 17:40pm u f'dan l-istadju giet sospenduta l-laqgha sabiex is-Sur Harry Caruana jiddiskuti mal-kunsillieri l-izgombru li qed ikun hemm fil-Housing Estate f' Marsaxlokk.*<br><br>*Il-hin huwa 17:50pm u l-laqgha tkompliet.*<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br><br>PA/02047/18, PA/02020/18, PA/02071/18, PA/04031/17, PA/08704/17, RG/03847/17, PA/01125/18, PA/01137/18, PA/01903/18, PA/01250/17, PA/10832/17, PA/10408/17, PA/01267/18, PA/01588/18, RG/03694/17, RG/00329/18, PA/03404/17, PA/03575/15, PA/08309/17, PA/09938/17, PA/00261/18, PA/00991/18, PA/00993/18, PA/01068/18, PA/01095/18, PA/01354/18, PA/01380/18.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għal dawk innumerati PA/01267/18, PA/01588/18, PA/01068/18 u li għaliha l-Kunsill Lokali kellu joggezzjona.<br><br>- Is-Sindku nforma l-Kunsilliera b'komunikazzjoni datata 5 ta' Marzu 2018 minghand is-Sur Michael Psaila fejn talab approvazzjoni mill-Kunsill biex jinstalla *railing* ghall-imwejjed u s-siggijiet ta' l-istabbiliment tieghu qabel ma' japplika ma' Transport Malta. |
| 51.6 | Mozzjonijiet |
| 51.6.1 | Ma kienx hemm. |

| | |
|---|---|
| 51.7 | Sejhiet ghall-Offerti |
| 51.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera sabiex jaghmlu *re-evaluation* tat-Tender tas- *Street Sweeping*. |
| 51.8 | Boatyard |
| 51.8.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-tlieta 13 ta' Marzu 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u Sa Janice Chetcuti kien attenda laqgha mal-Ministru Clint Camilleri fejn gie diskuss il-progett tal-*Boatyard*. Wara l-laqgha li nzammet mar-rezidenti ta' Port Ruman u s-Sajjieda il-Kunsill Lokali ddecieda li ghandha tintalab laqgha b'urgenza mill-Ministru Clint Camilleri flimkien mar-rezidenti ta' Port Ruman u s-Sajjieda. |
| 51.9 | Jum Marsaxlokk |
| 51.9.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-attivita ta' Jum Marsaxlokk ser issr nhar id-29 ta' April 2018. |
| 51.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 51.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 03/18 ) għall-approvazzjoni. |
| 51.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 51.10.3 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' petty cash mahrug matul ix-xhur Frar u Marzu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 51.11 | Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss |
| 51.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis 6:30p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 12 ta' April 2018 fl-4:00p.m. |

Konfermati, illum 12 ta' April 2018.

Iffirmata

__________________

Horace Gauci
Sindku

iffirmata

__________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv